**22 ta' Lulju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Rosario Gatt

**Serq — Pussess ta' oġġetti tajbin għall-isgass — Art. 300 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Huwa veru illi, skond il-liġi, min ikun ġie kundannat għal serq f'dawn il-Gżejjer u jinsab fil-pussess ta' mfietaħ, imqabblin jew falsifikati, jew għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi, mingħajr ma jagħti kont soddisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu għandu, huwa ħati ta' reat; iżda din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata b'kawtela partikulari, speċjalment meta l-oġġett ma jkunx fih innifsu univoku. Iċ-ċirkustanzi kollha tal-pussess, mbgħad, għandhom jitqiesu bir-reqqa.*

Il-Qorti:— Fuq l-appell ta' Rosario Gatt mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-30 ta' Ġunju 1961, li biha ġie misjub ħati illi f'Birkirkara fit-2 ta' Ġunju 1961, f'xi 3 a.m., kiser l-obligazzjoni minnu assunta li ma jikkommettix delitt ieħor wara li kien ġie misjub ħati ta' serq mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 ta' Mejju 1958; u li nstabu għandu għodod tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi,

mingħajr ma ta kont soddisfaċenti għal liema skop leġittimu nstabu għandu f'dak iż-żmien; li qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-publiku; u li żamm żewġt iklieb mingħajr liċenza tal-Pulizija; u li ta ismu falz u partikularitajiet lill-Pulizija, li hu persuna nkarigata minn servizz publiku, waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu; u f'liema sentenza l-imputat ġie kundannat għal xahrejn lavori forzati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx appell mid-dikjarazzjoni ta' reità tal-imputat illi żamm żewġt iklieb mingħajr liċenza tal-Pulizia; iżda hemm appell fuq il-kumplament tas-sentenza;

B'ebda mod ma rriżulta li l-appellant assuma li kiser xi obligazzjoni li ma jikkommettix delitt ieħor, kif ġie dedott fiċ-ċitazzjoni u misjub fis-sentenza;

B'sentenza tat-28 ta' Mejju 1958 (fol. 7) l-appellant kien ġie misjub ħati u kundannat, fost affarijiet oħra, għal serq;

Irriżulta li fit-2 ta' Ġunju, f'xi t-3 a.m., l-appellant ġie misjub mill-Pulizija rieqed fuq il-bank tat-tinda tal-passiġġieri, li kienet mixgħula, fli-stage tal-karrozzi tar-Rabat il-Fleur-de-Lys. Kellu ħdejh żewġt iklieb u żewġ xkejjer. F'waħda minnhom kellu ħadida twila mal-pied. Mistoqsi x'kien qiegħed jagħmel, hu rrisponda li kien jistrieħ. Mistoqsi ismu mill-Pulizija, hu qal li hu Ġużeppi "il-Mislut". Dak il-ħin il-Pulizija ma kienux jafuh, u wara rriżultalhom li veru l-appellant għandu dak il-laqam, imma ismu hu Rosario u kunjomu Gatt. Meta ġie meħud l-Għassa, ġie mistoqsi insistentement għalfejn kellu l-ħadida, u fl-aħħar telgħlu u qal "biex niftaħ il-kaxxa ta' Kristu!", u għolla idejh. Huwa anki dagħa waħda bil-Kreatur, b'mod li seta' jinstama mit-trieq;

L-appellant xehed li jaħdem ix-Xatt, u joqgħod f'kamra H'Attard, u li dak in-nhar, huwa u sejjer ix-Xatt, idde-

ċieda li joqgħod jistrieħ fuq bank sakemm idoqq il-Pater Noster. Hu jieħu l-klieb miegħu fuq ix-xogħol. Fl-ixkora kellu wkoll biċċa ħobż u żewġ kullari tal-klieb. Qal li l-ħadida kien sabha x-Xatt, xi ġranet qabel, u kien ħalliha fl-ixkora;

Hemm l-imputazzjoni taħt l-art. 300 tal-Kodiċi Kriminali, meta fost każijiet oħra li ma jinteressawx dil-kawża, wieħed li jkun ġie kundannat għal serq f'dawn il-Gżejjer jinsab fil-pussess ta' mfietaħ, imqabblin jew falsifikati, jew għodod oħra tajbin għall-ftuħ jew sgassar ta' serraturi, u mingħajr ma jagħti kont soddisfaċenti għal liema skop leġittimu kienu għandu;

Il-ħadida li kellu l-appellant mhijiex, fiha nnfisha, destinata għall-ftuħ ta' serraturi, għalkemm tista' tiġi wżata effikaċement għal hekk;

Din id-dispożizzjoni għandha tiġi applikata b'kawtela partikulari; aktar meta l-oġġett ma jkunx fih innifsu univoku; u ċ-ċirkustanzi kollha tal-pussess għandhom jitqiesu bir-reqqa. Fil-każ preżenti l-ispjegazzjoni tal-appellant mhijiex inverosimili, meqjusa l-kondizzjoni tiegħu u l-mestier tiegħu. Il-Qorti ma tagħtix rilevanza lill-espressjoni tal-appellant fuq il-ħadida l-Għassa tal-Pulizija. Din kienet espressjoni ta' rabja, kif juru ċ-ċirkustanzi li fihom ġiet użata; u għandha anzi tiftiehem bħala ripulsa ta' motiv ta' serq. Fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, il-Qorti tirritjeni li fiċ-ċirkustanzi l-appellant ta kont soddisfaċenti dwar il-ħadida in kwistjoni;

L-imputazzjonijiet l-oħra jirriżultaw;

Għalhekk;

Tirriforma l-appellata sentenza billi tikkonfermaha fejn l-appellant ġie misjub ħati li żamm żewġt iklieb bla liċenza tal-Pulizija, ta ismu falz lill-Pulizija, u li dagħa faħxi fil-publiku, u tirrevokaha għall-kumplament;

Rat l-art. 2 u 15 tal-Kap. 163 tal-Liġijiet, 352(z), 355(a) u 352(g) tal-Kodiċi Kriminali;

U tbiddel il-piena f'dik ta' ammenda ta' £2, ammenda ta' £5, u ammenda ta' 10s., u tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet l-oħra.